MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 880/2001/1

**Edwin Zaffarese u Karen Sciberras**

**vs**

**David Aquilina**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm800.00c (tmien mitt lira Maltin) dovuti ghal incident stradali meta l-vettura numru ta' registrazzjoni DEL 666 baqghet diehla fuq il-vettura numru ta registrazzjoni FAV 901, proprjeta' ta' l-attrici Karen Sciberras, ghal liema danni l-konvenut huwa unikament responsabbli.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-kollizjoni in

kwistjoni ma gratx minhabba xi tort da parte tal-esponenti David Aquilina.

Sema’ x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Li hu kontestat huwa l-mod kif issuccediet il-kollizzjoni. Dana huwa riflessjoni tal-esistenza ta’ zewg sketches – pero’ WPC 156 Sonia Parascandolo kkonfermat l-ewwel wiehed esibit mill-attur fil-11 ta’ Dicembru, 2001. L-enfasi maghmula mill-istess konvenut hija ferm importanti ghaliex fejn indikat l-spot of impact huwa totalment differimenti minn dak indikat fl-iskizz minnu esibit, u bir-ragun ghax f’dak ikkonfermat mill-pulizija nvestigattiva, l-attur kien f’postu ndipendentement kienx miexi jew le. F’dan is-sens il-partijiet lanqas ma jaqblu fatt komunissimu! Pero’ l-attur jidher li huwa wara stop sign, allura kien il-konvenut li nvada l-karreggjata tal-attur meta adopera l-kisra fuq il-lemin kien jitla’ t-telgha ta’ San Gwann t’Ghuxa.

Illi l-konfigurazzjoni tat-triq hija maghmula mod li l-konvenut kellu jdurha u mhux jiksirha. B’dan il-mod biss seta’ jittampona l-attur li del resto kien f’postu.

Illi l-atturi ghazlu wkoll li jinkludu bhala konvenuti lis-socjeta’ assikuratrici England Insurance Agency Limited. In prim ordine kienu assumew ir-responsabbilta’ ghall-incident tant li s-surveyor taghha John Borg Bellanti meta ezamina l-vettura tal-attur qabel mar-ripartatorja tieghu u accetta s-survey ‘with acceptance of liability’! Mhux hekk biss izda ma giex kontradett, li effettivament ix-xoghol beda jsir. Is-socjeta’ konvenuta rega’ bdielha, qalghet il-parts u hadithom lura. Li huwa zgur huwa li agir bhal dan mhux accettabbli. La ammettiet ir-responsabilta’ l-kelma taghha mhux ritirabli u ghalhekk ghandha tirrispondi.

Relattivament ghad-danni, dan ma sarx ferm kontestati, u lanqas setghu billi gew stabbiliti mis-surveyor fuq indikat inkarigat mis-socjeta’ konvenuta stess.

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti jilqa' t-talbiet attrici jiddikjara lil konvenut bhala unikament responsabbli ghal kollizzjoni, filwaqt li s-socjeta' konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli ghal hlas stante l-assunzjoni ta' responsabbilta da parti taghha, tillikwida d-danni fis-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) u jikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu l-istess somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) lill-atturi, bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tas-sentenza.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**